PR191632

**23/07/2019**

# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

B'referenza għall-istqarrija numru PR191539, datata 10 ta' Lulju, 2019 u skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru. 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku, li wara informazzjoni addizzjonali li rċieva permezz tas-Sistema Rapida tal-Ikel u l-Għalf, l-avviż diġa maħruġ qed jiġi estiż għall-lottijiet/dati kollha.

Dan il-prodott m'għandux jiġi kkunsmat minn persuni allerġiċi għall-mustarda minħabba l-possibilita` ta' preżenza mhux iddikjarata tal-ingredjent msemmi.

| | |
|---|---|
| **Isem tal-prodott:** | Soybean paste with Seasoning |
| **Ditta:** | Sempio |
| **Piż:** | 500g |
| **Data tad-durabbilità:** | Id-dati kollha |
| **Numru tal-Lott:** | Il-lottijiet kollha |

Għal aktar informazzjoni, l-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat imejl fuq **mhi@gov.mt**. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess Direttorat li jinsab ġewwa Continental Business Centre, Old Railway Track, Santa Venera. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook **https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl** jew is-sit uffiċjali fuq **https://deputyprimeminister.gov.mt/en/environmental/Pages/Home-Page.aspx** għal informazzjoni simili.




양념이 맛있는
쌈장
No
MSG
500 g